MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR
# MALTA

**GUDIKATUR DR.**
**GRIMA EDWINA**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2002

Talba Numru. 1450/2002/1

***Albert Abela***
***Vs***
***John Briffa***

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fil-11 ta’ Gunju, 2002, fejn intalab li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-attur s-somma ta’ mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm148) rappresentanti bejgh u konsenja ta’ prodotti mill-hanut ta’ l-attur.

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta’ l-ittra legali ta’ l-1 ta’ Frar 2002 u tal-11 ta’ April 2002 u bl-imghax legali mid-data tal-prezentata ta’ l-avviz sad-data tal-hlas eventwali kontra l-konvenut.

Ra li l-konvenut debitament notifikat baqa’ ma deherx u l-anqas ma pprezenta risposta fir-rigward.

Sema' x-xhieda ta' l-avukat Dr. Frank Cassar ghan-nom ta' l-attur, li kkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub fl-Avviz ghadu dovut.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba attrici tirrizulta soddisfacentement pruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) ta' l-Att V ta' l-1995, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attur s-somma ta' mija u tmienja u erbghin lira Maltin (Lm148),bl-imghaxijiet legali.

L-ispejjez ta' dina l-istanza, ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Avukat Dr. Edwina Grima**
**Gudikatur**